MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

## ONOR. IMHALLEF MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 807/2000/1

Atlas Insurance Agency Ltd agenti Malta ghas-socjeta' estera AXA Insurance plc proprio u kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited
Vs
Seamalta Company Limited u The Cargo HandlingCompany Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' April 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fit-2 ta' Mejju 1999is-socjeta' Michael Attard Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment Fast Trader konseja ta' vetturi Peugeot kiena konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok A; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindennizza lill-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat; illi l-attur jikkwantifika id-danni de qua fl-ammont ta' elf hames mija u hames liri maltin u ghaxar centezimi (LM1505.10) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija erbgha

u ghoxrin lira (LM124) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf sitt mija disgha u ghoxrin lira u ghaxar centezimu (LM1629.10); illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM1629.10;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' LM1629.10 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontral-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' Seamalta Company Ltd tal-4 ta' Lulju 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti;
2. il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza relattiva ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma huw responsabbli ghad-danni reklamati;
3. illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni, d-dokumenti u l-lista tax-xhieda ta' Sea Malta.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd tas-6 ta' Lulju 2000 li permezz taghha eccepiet:

1. illi ghandu jigi pruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni sehhew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza kient fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;

2. illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni stante li hija qdiet l-obbligi kollha impost fuqha mil-ligi;
3. illi l-ammont tad-danni huwa eccessiv u ghaldaqstant l-attur ghandu jipprova kif wasal ghal dak l-ammont;
4. illi l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;
5. illi ghalhekk it-talbiet attrici, inkwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-15 ta' Novembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 2000 meta giet mahtura Dr. Maria Dolres Gauci bhala assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2002 meta s-socjeta' SeaMalta Co. Ltd irrinunzjat ghat-tieni eccezzjoni sollevata minnha u meta dakinhar il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-2 ta' Mejju 1999 s-socjeta' Michael Attard Ltd importa gewwa Malta tmenin vettura tramite l-bastiment Fast Trader operat mis-SeaMalta Co. Ltd. Din il-merkanzija giet imnizzla minn abbord waqt li kien qed isir is-soltu ezami tal-merkanzija permezz tat-Tally Clerks u giet moghtija f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling.

L-ghada din il-merkanzija giet spezzjonata minn rappresentant tal-Institute of London Underwriters flimkien ma surveyor tas-socjeta' importatrici li it-tnejn ikkonstataw diversi hsara u nuqqasijiet kif jirrizulta sew mis-survey report ta' Mark Micallef Dok A a fol 5 tal-process, kif ukoll mil-lista preparata mix-xhud John Falzon Dok JF1 u JF2 a fol 38 u 39 tal-process. Dawn il-hsarat u nuqqasijiet gew wara indikati fil-Gate Pass Out meta l-merkanzija harget mill-compound.

Il-konvenut ma resqu ebda eccezzjoni fis-sens li l-merkanzija setghet telqet mill-port fejn giet imbarkata fuq il-bastiment b'xi difetti jew hsarat. Il-kwistjoni hawn hija limitata ghal min, miz-zewg konvenuti, ghandu jirrispondi ghal-hsarat u nuqqasijiet u konsegwenti danni sofferti mis-socjeta' Michael Attard u sussegwentement mis-socjeta' attrici qua assikuratrici tal-istess merkanzija.

Mit-tally li inzammet minn Herbert Naudi a nom tas-Sea Malta a fol 21 tal-process, kif ukoll minn dik ppresentata minn Peter Bonello ghan-nom ta' The Cargo Handling, jirrizulta li l-vettura in kwistjoni nizlu minn abbord l-bastiment Fast Trader minghajr ebda hsarat, ghalkemm kien hemm zewg vetturi, skond it-tally ta' The Cargo Handling li kellhom jigu imbuttati ghax ma qabdux, u vettura wahda li ghamlet l-istess skond ix-xhud Naudi. Inoltre l-unika indikazzjoni ta' hsara fit-tally ta' Naudi hija dwar xi hsara f'Glove Compartment. Din pero' la tirrizulta fit-tally mizmum mir-rappresentant ta' The Cargo Handling u lanqas ma tirrizulta fir-rapport maghmul minn Mark Micallef bhala surveyor indipendenti.

Illi minn dan jidher li l-hsara u in-nuqqasijiet reklamati graw kollha waqt li l-vetturi kienu fil-pussess u taht il-kontrol tas-socjeta The Cargo Handling li ghalhekk ghandha tirrispondi ghall-istess.

Illi dwar il-quantum tad-danni reklamati hemm r-rapport ta' Mark Micallef li jindika s-somma ta' LM1505.10. Dan l-istess xhud ikkonferma li huwa ivverifika l-invoices presentati u ghadda l-kont ghal hlas. Is-socjeta' The

Cargo Handling eccepiet li dan l-ammont huwa eccessiv izda ma resqet ebda prova in sostenn ta' dan u lanqas ma ghamlet xi kontro ezami fir-rigward. Dan l-ammont ghalhekk qed jigi accetta.

Illi dwar is-survey fees imhallsa mis-socjeta' attrici dawn ukoll huma dovuti inkwantu huma sejjes incidentali ghall-akkadut u l-proceduri odjerni mhux limitati ghall-ammont rizultanti mis-surroga izda hemm l-presenza tas-socjeta' attrici proprio ghall-ispejjes li nefqet direttament hija stess in konnessjoni mal-claim.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet reklamati jigi rilevat li dawn huma mitluba mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Inoltre l-ammont mitlub huwa wiehed determinat fl-att u ma hemmx htiega ta' likwidazzjoni. L-eccezzjoni tas-socjeta' The Cargo Handling fir-rigward ghalhekk mhux gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Seamalta Co. Ltd u tichad dawk tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta' The Cargo Handling Co Ltd u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija disgha u ghoxrin lira u ghaxar centezimi (LM1629.10) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri